MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tas-17 ta' Lulju, 2006

Numru 930/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J. Farrugia)**

**vs**

**Charles Cassar**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Charles Victor Edward Cassar** ta' 35 sena, bin il-mejjet Carmel u Helen nee' Tonna, mwieled Birmingham U.K., fid-9 t' April, 1969, residenti Nru.. 4, Triq il-Mullet, Xghajra, u detentur tal-karta tal-identita' numru 202270M;

Talli fl-4 ta’ Frar, 2004, ghall-habta tas-7:22p.m. gewwa Triq Giuseppe Camilleri , Birikirkara, u f’inhawi ohrajn f’dawn il-Gzejjer Maltin volontarjament hassart, jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe’ vettura bin-numru tar-registrazzjoni SEX 323 propjeta’ ghad-dannu ta’ Grezzju Cassar u Christopher Cassar, liema hsara ma taccediex il-hames mitt lira Maltin (Lm115) imma tkun izjed minn Lm50 u dan bi ksur tal-artikolu 325(b) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat tressaq quddiem din il-Qorti wara rapport ta’ certu Christopher Cassar li meta kien qed qieghed fil-hanut tieghu sema hoss u meta dar lura ra lil xi hadd jaghti daqqa fuq il-hgiega tal-vettura tieghu ipparkjata fejn il-hanut. Kawza ta’ hekk, il-vettura garrbet hsarat.

Jirrizulta illi l-kwerelant innota in-numru tal-vettura li fiha kien qieghed l-aggressur. Din il-vettura tghajjat lill-omm l-imputat izda din xehedet illi l-vettura tkun l-aktar fil-pussess ta’ binha. Il-prosekuzzjoni esebiet stqarrija tal-imputat minnu ffirmata fejn dan innega kull konnessjoni mal-allegata aggressjoni;

Il-kwerelant xehed illi huwa ma ra lil hadd hlief vettura Isuzu Trooper bin-numru li jghajjat lill-omm l-imputat. Hu ra biss id hierga mit-tieqa tal-vettura u ghalhekk ma seta jgharaf lil hadd. Il-kwerelant xehed illi hija konkluzzjoni tieghu li l-istess persuna responsabbli ghall-aggressjoni hija l-istess wahda li ghamlitlu hsarat ohra fil-vettura tieghu drabi ohra u li hija ukoll l-awtur ta’ theddid bil-miktub li izda ma jghamlux parti mill-kaz in dizamina. Mart l-imputat u minnu separata, qed toqghod mal-kwerelant u ghalhekk is-suspetti tal-pulizija ukoll waqghu fuq l-imputat minkejja li dawn it-tnejn qatt ma kienu raw lil xulxin qabel;

Ikkunsidrat illi minkejja li nexus bejn il-kwerelant u l-imputat, din mhix prova sufficjenti fil-kamp kriminali. Il-kwerelant kien lejali lejn il-gurament meta iddikjara li l-unika haga li gharaf kienu il-marka u n-numru tal-vettura u xejn aktar. Prova ta’ din in-natura ma tistax twassal ghal sejbien ta’ htija minkejja li l-kaz jista’ facilment jinkwadra bhala dak tipiku fejn wiehed mill-koppja mizzewga tkun trid tivvendika ruhha mill-ohra wara separazzjoni u mhix lesta li thalli lill-parti l-ohra tghix fil-paci. Izda, l-prova hekk indispensabbli fil-kamp kriminali hija mankanti ghal-punt li din il-Qorti mhix qed issib lill-imputat hati u qed tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------